**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru, 2020**

**Talba Nru: 304/2019 PM1**

**Shirley Borg (Karta tal-Identita` Numru 410572(M))**

**Vs**

**Janice & Sons Limited (C80446)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hdax (11) t'Ottubru, elfejn u dsatax (2019) li permezz tieghu l-attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess attrici is-somma ta' hames elef euro (€5000) rapprezentanti senserija dovuta lilha kif hemmhekk imfisser; bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta li, permezz taghha gie eccepit,

1. Illi l-ammont reklamat mill-attrici huwa eccessiv kif ser jigi ppruvat mid-dokumentazzjoni annessi ma' din ir-risposta u mit-trattazzjoni tal-kawza
2. Illi l-arrangament ta' bejn il-partijiet kien li l-attrici tithallas nofs is-somma li s-socjeta` konvenuta tircievi ghas-senserija meta l-attrici tkun ghamel xoghol essenzjali fuq is-senserija in kwistjoni;
3. Illi l-kuntratti li ghalihom ghad trid tithallas l-attrici huma fil-fatt tlieta;
4. Illi flimkien ma'din ir-risposta qed jigi annessi:

   Dok. A.: Kuntratt 350 fejn l-attrici trid tithallas €350 bhala nofs is-senserija imhallsa lis-socjeta` esponenti qabel VAT u €17.50 ghall-*inspection* li flimkien jammontaw ghal €367.50

   Dok. B.: Kuntratt 367 fejn l-attrici trif tithallas €1525.42 ghas-sehem taghha tas-senserija qabel VAT

   Dok. C.: Kuntratt 461 fejn l-attrici trid tithallas €1949 ghas-sehem taghha tas-senserija qabel VAT
5. Illi l-attrici hija ghalhekk dovuta biss is-somma ta'€3841.92;
6. Illi s-socjeta` esponenti qatt ma rrifjutat li thallas lill-attrici s-somma dovuta lilha, izda kienet l-attrici li qatt ma pprezentat *invoice* lis-socjeta`esponenti ghall-hlas;
7. Is-socjeta` konvenuta tirrizerva d-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri

   Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess risposta kif elenkati fl-istess risposta tas-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota tal-attrici prezentata waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2020 b' anness l-affidavit taghha u ta' Raymond Ciantar bid-dokumenti annessi u inoltre bil-kopja tal-kuntratt ta' bejgh u xiri hemm indikat (a fol. 51 et. seq. tal-process).

Ra li sussegwentement il-kawza baqghet differita sabiex jigi konkluz ftehim amikevoli.

Ra li waqt is-seduta tal-lum is-socjeta` konvenuta prezentat nota li permezz taghha ammettiet is-sorte ta' hamest elef euro (€5000) liema ammissjoni kienet qed tigi registrata skont l-iskrittura privata ta' transazzjoni sottoskritta mill-partijiet u li kopja taghha giet ukoll annessa mal-istess nota (a fol. 75 et. seq. tal-process).

Ra u kwindi sema' l-qari tan-nota t'ammissjoni tal-istess socjeta` konvenuta prezentata waqt is-seduta tal-lum kif surreferit.

**Ikkunsidra**

Illi in vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, is-socjeta` konvenuta rregistrat ammissjoni tas-*sorte* mitlub kif hawn fuq imfisser.

Ikkunsidra wkoll li s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda provi li jistghu b'xi mod jiggustifikaw in-nuqqas taghha li thallas is-somma mitluba mill-attrici qabel ma nfethu dawn il-proceduri. Mit-transazzjoni sottoskritta miz-zewg partijiet jirrizulta ampjament li, minkejja l-eccezzjonijiet sollevati minnha, is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li tammetti t-talba shiha (klawsola 2) in vista ta' ammonti ulterjuri li kienu qed jigi dikjarati wkoll dovuti mis-socjeta` konvenuta ghat-total li jmur oltre s-somma mitluba permezz ta' dawn il-proceduri (skont il-klawsola numru 1 tal-istess ftehim). Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mis-socjeta` konvenuta, ser jghaddi sabiex jilqa t-talba attrici fir-rigward tas-*sorte* shih kif mitlub mill-attrici. Tenut kont tal-fatt li l-ftehim milhuq ma jikkontemplax imghaxijiet imma jikkontempla il-pagament tas-somma maqbula permezz tal-izbank mic-cedoli ta' depozitu hemmhekk indikati, it-Tribunal isib li jkun gust u ekwu li l-

imghaxijiet fuq is-*sorte* jibdew jghoddu mid-data tas-sentenza filwaqt li l-ispejjez gudizzjarji kif mitluba ikunu pagabbli wkoll mis-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess socjeta` konvenuta, qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess socjeta` konvenuta, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici is-somma mitluba ta' hamest elef euros (€5000) skont il-modalita` ta' pagament maqbula bejn il-partijiet permezz tal-iskrittura datata 23 ta' Settembru, 2020, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez legali ukoll kif mitluba kontra s-socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**